It-Tlieta 5 ta' Lulju 2011

Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE - l-għargħar fl-islovenja, l-Kroazja u r-Repubblika Ċeka fl-2010

P7_TA(2011)0301

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2011)0155 – C7-0081/2011 – 2011/2060(BUD))

(2013/C 33 E/27)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0155 – C7-0081/2011),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l- amministrazzjoni finanzjarja tajba [1] (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea [2],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0238/2011),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Ifakkar li l-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jipprevedi li fejn hemm skop li approprjazzjonijiet jiġu allokati mill-ġdid taħt l-intestatura li teħtieġ nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' dan meta tagħmel il-proposta meħtieġa;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] GU L 311, 14.11.2002, p. 3.

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà Ewropew, b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2011/535/UE.)